**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 331/16 AL

**AB**

vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata CD permezz ta' cerimonja fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gakbu, Valletta fid-dsatax ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (19/3/2005) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis fl-erbgha ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (4/3/2014) - (Kopja annessa Dok B).

Illi l-kontendenti kien ilhom separati *de facto* sa' mit-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (8/7/2012).

Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' l-intimata Sharon Vella hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u hekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tirrileva :

Illi hija ma topponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti;

Illi l-esponenti tirrileva li z-zwieg taghhom kien tkisser irrimedjabbilment qabel ma huma sseparaw legalment u ilhom aktar minn 4 snin separati de facto;

Illi l-partijiet illum huma separati legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr Timothy Ellis datat 4 ta' Marzu 2014;

Illi l-esponenti tirrileva wkoll li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett ebda manteniment mhu dovut u l-partijiet ma kellhomx tfal;

Ghaldaqstant hemm qbil li l-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u hemm lok li jinhall iz-zwieg;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016;

L-intimata ikkonfermat ir-risposta taghha bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Marzu 2014 u ilhom de facto separati sa mit-8 ta' Lulju 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.